# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

**Illum, it-Tnejn, 11 ta' Novembru, 2024**

**Kawza Nru: 2**

**Rikors Nru: 52/2023ISB**

**Propertywise Limited** (C-34759) fil-kapaċita' tagħha bħala azzjonista tas-soċjeta' Kapedot Limited (C 79545)

**Pierre Gaffiero** (KI 243861M) fil-kapaċita' tiegħu bħala direttur tas-soċjeta' Kapedot Limited (C 79545) u, għal kull bwon fini, azzjonista uniku ta' Propertywise Limited (C-34759)

-vs-

**Kapedot Limited** (C 79545)

**Maria Brincat** (KI 337056M)

**Andrew Brincat** (KI 156158M)

**Joseph Gatt** (KI 616853M)

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors ta' **Propertywise Limited u Pierre Gaffiero** tal-4 ta' Awissu 2023 u li permezz tiegħu huma talbu lil din il-Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni opportuna u neċessarja:

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li jeżistu raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited (C 79545) ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Liġiiet ta' Malta;*

*2. Tordna x-xoljiment u l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited (C 79545) a tenur tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Liġiiet ta' Malta;*

*3. Tagħti kull provvediment opportun sabiex jinħatar stralċatarju u sabiex jiġi kondott l-istralċ konsegwenzjali tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited (C 79545) ai termini tal-Kap.386 tal-Liġiiet ta' Malta.*

U dan wara li ġie premess illi:

*1. Illi s-socjeta' intimata Kapedot Limited hija socjeta' privata limitata stabbilita taħt il-Liġijiet ta` Malta li ġiet reġistrata fis-sbatax (17) ta` Frar tas-sena sena elfejn u sbatax (2017) mar-Registru tal-Kumpanniji bin-numru ta` registrazzjoni C-79545.*

*2. Illi r-rikorrenti* ***Propertywise Limited*** *(C-34759) hija azzjonista tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited u għandha parteċipazzjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) tal-ishma kollha tas-soċjeta' intimata skond il-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-istess soċjeta' intimata, hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'A'.*

*3. Illi r-rikorrent* ***Pierre Gaffiero*** *(KI 243861M) huwa direttur tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited skond il-Memorandum u l-Artikoli ta' Assoċjazzjoni tal-istess soċjeta' intimata.*

*4. Illi r-rikorrent* ***Pierre Gaffiero*** *(KI 243861M) huwa wkoll azzjonista uniku illi għandu l-ishma kollha tas-soċjeta' Propertywise Limited (C-34759).*

*5. Illi s-soċjeta' intimata Kapedot Limited ġiet kostitwita fis-sena 2017 bejn ir-rikorrenti Propertywise Limited (li tagħha r-rikorrent Pierre Gaffiero huwa l-uniku direttur u uniku azzjonist) illi għandha sitt mitt (600) sehem ordinarju ta' €1 kull sehem, u l-intimati Maria Brincat u Andrew Brincat li għandhom mija u ħamsin (150) sehem ordinarju ta' €1 kull sehem u l-intimat Joseph Gatt li għandu tliet mitt (300) sehem ordinarju ta' €1 kull sehem fl-imsemmija soċjeta'.*

*6. Illi l-iskop li għaliha twaqqfet din is-soċjeta' kien illi tali soċjeta' kummerċjali twettaq proġetti ta' żvilupp ta' proprjeta' bil-għan illi l-units ta' bini (appartamenti, penthouses u garaxxjiet) li jiġu hekk żviluppati jinbiegħu lil terzi bi skop ta' lukru.*

*7. Illi r-rikorrent Pierre Gaffiero effettivament kien jagħmel ix-xogħol kollu li kien meħtieġ kemm għal dak li jirrigwarda l-identifikazzjoni ta' siti illi kellha tixtri s-socjeta' Kapedot Ltd biex tottjeni permessi għall-bini u żvilupp ta'*

*proprjeta', kemm għal dak li jirrigwarda l-aspetti kollha ta' project management fejn ir-rikorrent Pierre Gaffiero kien jieħu ħsieb illi jara li jsiru x-xogholijiet kollha neċessarji għall-izvilupp tal-proprejtajiet u t-tlestija tal-istess, u jissorvelja tali xogħolijiet, u kif ukoll għal dak li jirrigwarda l-marketing tal-propjetajiet hekk żviluppati sabiex dawn jinbiegħu lil terzi akkwirenti u dan anke in vista tal-fatt illi l-istess rikorrent Pierre Gaffiero ilu jaħdem f'dan is-settur ta' bejgħ ta' proprjeta' ghal għexieren ta' snin.*

*8. Illi r-rikorrenti qed iressqu dan ir-rikors a bażi tad-dritt mogħti lilhom taħt l-Artikolu 218(1) tal-Kap.386 tal-Liġijiet ta' Malta biex jitolbu illi s-soċjeta' intimata Kapedot Limited (C 79545) tiġi xolta u stralċjata minn din l-Onorabbli Qorti minħabba li hemm raġunijiet gravi biżżejjed li jiġġustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralċ tal-istess soċjeta' ai termini tal-Artikolu 214(2)(b)(iii) tal-Kap.386 tal-Liġiiet ta' Malta, hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat matul l-andament tal-kawża odjerna.*

*9. Illi r-rikorrenti sejrin issa jispjegaw ir-raġunijiet u l-lanjanzi li għalihom kellhom jirrikorru għal dawn il-proċeduri.*

*10. Illi s-soċjeta Kapedot Limited hija kostitwita minn żewġ settijiet ta' azzjonisti illi għandhom ħamsin fil-mija (50%) tal-isħma kull wieħed – fuq naħa r-rikorrenti Propertywise Limited u fuq in-naħa l-oħra l-intimat Andrew u Marija, konjugi Brincat u l-intimat Joseph Gatt (li jiġi ħu Marija Brincat) illi għandhom ħamsin fil-mija (50%) tal-isħma bejniethom. Għalkemm, kif fuq intqal, għal dak li jirrigwarda x-xogħol li tagħmel Kapedot Limited ta' żvilupp u bejgħ ta' proprjeta', dan ix-xogħol tista' tgħid illi jsir esklussivament mir-rikorrent Pierre Gaffiero, mhux hekk fejn jirrigwarda l-aspetti amministrattivi tal-kumpannija tant illi l-konsulenti u l-awdituri dejjem ġew magħżula u appuntati mill-intimati Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt bl-esklużjoni tar-rikorrent Pierre Gaffiero, tant illi anke fil-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni ta' Kapedot Limited (effettivament l-Artikoli ma jeżistux għax saret biss riferenza għal-liġi) ir-rappreżentanza legali u ġuridika ġiet affidata f'idejn żewġ diretturi minn erba' meta allura hemm sitwazzjoni fejn l-azzjonisti illi għandhom parteċipazzjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) f'Kapedot Limited huma rappreżentati fuq il-Bord tad-Diretturi minn tliet (3) diretturi filwaqt illi r-rikorrenti Propertywise Limited illi wkoll għandha parteċipazzjoni ta' ħamsin fil-mija (50%) f'Kapedot Limited hija rappreżentata fuq il-Bord tad-Diretturi minn direttur wieħed biss, ir-rikorrent Pierre Gaffiero. Għalhekk effettivament ir-rappreżentanza legali u ġuridika tas-soċjeta' Kapedot Limited hija vestita fid-diretturi appuntati mill-azzjonisti li għandhom hamsin fil-mija (50%) tal-ishma – l-intimat Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt – filwaqt illi r-rikorrent Pierre Gaffiero li huwa maħtur mill-azzjonista l-oħra li wkoll għandha hamsin fil-mija (50%) tal-ishma f'Kapedot Limited – huwa kompletament eskluż mill-amministrazzjoni tal-kumpannija Kapedot Limited għaliex il-poter kollu, inkluż il-poter li jiffirmaw kuntratti u jintrabtu b'obbligazzjonijiet għan-nom tal-intimata Kapedot Limited, huwa vestit interament f'idejn l-intimati Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt, tant illi lanqas il-bank li miegħu għandha l-*

*loans il-kumpannija Kapedot Limited (u cioe' BNF Bank Malta plc) mhu qed jikkommunika mar-rikorrent Pierre Gaffiero proprju ghaliex l-amministrazzjoni kollha hija konsolidata unikament f'idejn l-intimati Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt. L-intimati Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt qegħdin jamministraw l-affarijiet tas-soċjeta' Kapedot Limited mhux biss b'mod illi wassal lil din is-soċjeta' f'sitwazzjoni finanzjarja xejn feliċi (ghalkemm salvabbli) iżda fuq kollox b'mod li huwa preġudizzjevoli għar-rikorrenti Propertywise Limited u Pierre Gaffiero ghaliex huwa bil-wisq evidenti, u dan kif se jiġi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza, illi l-iskop taghhom huwa illi jarrekaw għalihom infushom u jaħtfu l-assi kollha ta' Kapedot Limited filwaqt illi r-rikorrenti jibqgħu b'xejn. Dan anke in vista tal-fatt illi numru ta' proprosti mill-iżjed raġjonevoli magħmula mir-rikorrenti sabiex il-kwistjoni tigi rizolta bonarjament ġew rifjutati, l-istess kif ġew rifjutati offerti li saru għal xiri ta' propjeta' illi għd ghandha Kapedot Limited u kull proposta oħra magħmula ghaliex kjarament l-iskop tal-intimati huwa illi jahtfu kollox ghalihom. Illi wkoll l-intimati qegħdin jidhlu f'kuntratti ghan-nom tas-soċjeta' Kapedot Limited ad insaputa tar-rikorrenti u jittrasferixxu proprejta' bi prezzijiet illi ma ġewx maqbula mar-rikorrenti u li ma jaghmlux sens kummercjali u ċertament jaghtu lok ghal thassib serju hafna. Dan kollu kif se jigi ampjament ippruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza f'hafna izjed dettall.*

*11. Illi naturalment, u dan qed jingħad in antiċipazzjoni ta' xi eċċezzjonijiet li jistgħu jitqajmu mill-intimati, ir-rikorrenti ċertament li mhumiex u ma jistghu jkunu qatt f'pożizzjoni illi jitlob u jottjeni l-likwidazzjoni tal-kumpannija Kapedot Limited tramite l-proċeduri stabbiliti fil-Memorandum u l-Artikoli tal-Assoċjazzjoni ta' Kapedot Limited u dan ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, u dan anke in vista tal-fatt illi kwalsijasi proposta minnu maghmula anke sabiex jigu trasferiti l-ishma ta' Propertywise Limited lill-intimati Andrew u Marija, konjugi Brincat u Joseph Gatt versu ħlas li jigi miftiehem li jiġi effettwat bi trasferiment ta' propjeta ta' Kapedot Limited ġie rifjutat bl-iżjed mod skjett, u għalhekk effettivament bis-sitwazzjoni ottenenti kif spjegata iżjed 'il fuq, ir-rikorrenti ma kellhom ebda triq effettiva oħra għajr illi jirrikorru għal dawn il-proceduri.*

*12. Illi, kif inghad, għalhekk ir-rikorrenti ma kellhomx għażla oħra għajr li jipproċedu b'dan ir-rikors sabiex jissalvagwardjaw l-interessi tagħhom.*

Rat id-Digriet tagħha tas-17 ta' Awissu 2023;

Rat ir-Risposta tal-intimati **Maria Brincat, Andrew Brincat u Joseph Gatt** tat-28 ta' Novembru 2023 u li permezz tagħha eċċeppew hekk:

*1. Illi kif sejjer jigi spjegat tul il-kors ta' din il-kawza, kuntrarjament ghal dak allegat mir-rikorrenti, ma jezistu ebda ragunijiet gravi u bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija Kapedot Limited [C-79545];*

*2. Illi filwaqt illi hemm qbil dwar il-kontenut tas-sitt (6) paragrafu tar-rikors promotur, kuntrarjament ghal kif qed ipingu l-istorja r-rikorrenti fil-paragrafu sebgha (7) tal-istess rikors, il-kumpanija Propertywise Limited, rapprezentata mir-rikorrent Pierre Gaffiero, kellha tuza l-kuntatti u l-esperjenza taghha f'dan il-qasam tax-xoghol ghall-beneficcu tal-kumpanija intimata billi tgabbad kuntratturi u nies tas-sena f'dan il-qasam minghajr ma tinvesti flus fil-kumpanija intimata, filwaqt illi l-azzjonisti l-ohra, ossia l-esponenti, jiehdu hsieb l-amministrazzjoni tal-kumpanija, jinnegozjaw mal-banek dwar self u johorgu flus fejn dan ikun necessarju sabiex jiffinanzjaw l-operat tal-kumpanija. Tant huwa minnu dan illi mill-bidu nett, il-hlas tas-sitt mitt ishma Ordinarju ta' €1 kull wiehed, "20% paid up", illi ghandha Propertywise Limited fil-kumpanija intimata hargu mill-but tal-azzjonisti l-ohra. Il-hsieb kien illi bil-hila taz-zewg partijiet, setghu jiggwandanjaw l-azzjonisti kollha illi kienu sejrin jaghmlu l-qligh mill-bejgh tal-proprjetajiet wara illi jithallsu d-dejn tal-kumpanija. B'mod partikolari, 1-kumpanija Propertywise Limited kienet sejra tiehu qligh ta' 50% ta dak kollu illi kien sejjer jibga' fil-kumpanija intimata minghajr ma tkun harget sold minn butha;*

*3. Illi fir-rigward tar-rappreżentanza legali u ġuridika tal-kumpannija Kapedot Ltd, dan kien sar bi ftehim bejn il-partijiet malli nfethet l-imsemmija kumpanija proprju ghaliex l-amministrazzjoni u s-sogru finanzjarju kienu sejrin ikunu f'idejn l-esponenti u b'hekk m'hemm assolutament xejn illegali jew ta' preġudizzju ghar-rikorrenti illi ghandhom il-mezzi kollha permissibbli ai termini tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta'Malta – fosthom illi jghajtu laqghat tal-azzjonisti u/jew diretturi – jekk ihossu illi remotament id-drittijiet taghhom qed jiġu lezi;*

*4. Illi jekk hemm xi hadd illi qed jirreka hsara u preġudizzju lill-kumpannija Kapedot Ltd, u indirettament lill-esponenti, huwa proprju s-Sur Pierre Gaffiero illi "inter alia": inqabad jiehu flejjes tas-socjeta' Kapedot Ltd minghajr awtorizzazzjoni, ghall-uzu personali tieghu; ghandu jaghti flus lill-kumpanija Kapedot Ltd, jhedded lil-awditur u/jew accountant tal-kumpanija Kapedot Ltd, jintralca l-process sabiex jiġu ppreżentati l-"audited accounts" tal-kumpannija Kapedot Ltd b'rizultat illi l-kumpanija Kapedot Ltd qed tehel multi ghalxejn u fl-istess hin jiftah diversi proċeduri ġudizzjarji kontra l-kumpannija Kapedot Ltd bl-ghan illi minghalih juża' dawn l-istess proċeduri bhala mezz ta' "arm twisting" sabiex jottjeni prezz illi jixtieq huwa ghall-ishma tieghu f'dak illi huwa jsemmi "proposta" fil-paragrafu 11 tar-rikors promotur tieghu. Fl-ottika ta ' dan kollu u ta' kwistjonijiet ohra illi sejrin jiġu diskussi tul il-kors ta' din il-kawza, ir-rikorrenti ma jistghux jippretendu illi jsibu l-konfort tal-Qorti ghall-istralc tal-kumpannija Kapedot Ltd ghall-"raġunijiet gravi*

*bizzejjed" meta, semmaj u jekk jeżistu, huma kollha riżultat tal aġir qarrieqi ta' Pierre Gaffiero;*

*5. Salv linji difensjonali hekk kif permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti ghal-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta tas-soċjeta' intimata **Kapedot Limited** tat-30 ta' Novembru 2023 u li permezz tagħha eċċepiet hekk:

*I. Illi in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrenti kif promossa hija nulla u bla effett stante illi, ex admissis u kif muri minn qari tar-rikors promutur innifsu, gie ipprezentat rikors guramentat flok dak illi tirrikjedi l-ligi specjali tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif sejjer jigi spjegat f'iktar dettal fil-kors tat-trattazzjoni fuq din l-eccezzjoni;*

*II. Illi fil-meritu ma jezistu ebda ragunijiet gravi u bizzejjed li jiggustifikaw ix-xoljiment u konsegwentement l-istralc tal-kumpanija Kapedot Limited [C-79545] kif sejjer jigi ampjament ippruvat matul l-andament ta' dawn il-proceduri.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta' Jannar 2024, minn fejn jirriżulta illi saret referenza għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' Kapedot Limited u fejn il-Qorti, bi ftehim mad-difensuri tal-partijiet, ordnat illi għandha tiġi l-ewwel deċiża dik l-eċċezzjoni b'sentenza għaliha.

Rat in-nota tar-rikorrenti tad-9 ta' Ottubru 2024;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Propertywise Limited u Pierre Gaffiero tat-18 ta' Ottubru 2024;

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru 2024;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ottubru 2024, minn fejn jirriżulta illi wara illi l-Qorti semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, il-Qorti ħalliet il-kawża għal-lum sabiex tingħata sentenza *in parte* fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' Kapdot Limited u jekk ikun il-każ, diġriet għar-rikors tat-18 ta' Ottubru 2024 hawn fuq msemmi.

**Ikkunsidrat:**

Illi din hija sentenza *in parte* sabiex tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni mressqa mis-soċjeta' intimata Kapedot Limited, liema eċċezzjoni taqra testwalment hekk:

> *I. Illi in linea preliminari, l-azzjoni tar-rikorrenti kif promossa hija nulla u bla effett stante illi, ex admissis u kif muri minn qari tar-rikors promutur innifsu, gie ipprezentat rikors guramentat flok dak illi tirrikjedi l-ligi specjali tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif sejjer jigi spjegat f'iktar dettal fil-kors tat-trattazzjoni fuq din l-eccezzjoni;*

Fit-trattazzjoni tiegħu, l-abbli difensur tas-soċjeta' Kapedot Limited jgħid illi huwa paċifiku jingħad illi l-ażżjoni mressqa mir-rikorrenti hija waħda sabiex il-Qorti tordna x-xoljiment u l-konsegwenti stralċ tal-kumpannija Kapedot Limited u ai termini tal-provvedimenti tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, azzjoni bħal din tiġi istitwita b'rikors sempliċi u mhux b'rikors ġuramentat kif sar f'din l-istanza.

Isostni illi minn ħarsa u qari tar-rikors promotur ma hemmx dubbju illi r-rikors ġie maħluf minn Pierre Gaffiero. Iżid jgħid illi anke d-diċitura użata fir-rikors tindika ċar illi r-rikors kien ġuramentat, kif espress meta jintqal "*… u Pierre Gaffiero bil-ġurament tiegħu jikkonferma*". U jkompli jsostni illi r-rikorrenti kellhom kull intenzjoni illi jressqu rikors ġuramentat anke meta wieħed jara illi tressqet il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti mal-istess rikors. Jgħid illi hemm nieqes biss it-twissija.

Isostni illi dan ir-rikors tressaq ai termini ta' liġi speċjali, il-KAP 386, u dik il-liġi tirrikjedi illi rikors bħal dan ma jitressaqx bil-proċedura ta' rikors ġuramentat. Jagħmel referenza għall-provvediment ta' din il-Qorti kif diversament preseduta fl-ismijiet **Michael Debono noe vs Mario Debono pro et noe** tad-29 ta' Novembru 2011 (Rikors Nru 50/2011JZM) fejn il-Qorti hemmhekk kienet iddikjarat nulla kontro-talba mressqa bil-ġurament u sfilzat it-talba magħmula bil-kontro-talba ġuramentata għaliex l-azzjoni kellha tinbet minn rikors sempliċi. Jgħid illi l-Qorti qajmet il-kwistjoni hi stess peress illi qisitha waħda ta' natura pubblika.

Min-naħa l-oħra, l-abbli difensur tar-rikorrenti argumenta illi anke kieku stess ir-rikors mressaq jista' jitqies bħala rikors ġuramentat kif irid il-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dak ma jġibx in-nullita', u jagħmel referenza għall-kawża **Bridget Giusti pro et noe vs Godwin Giusti pro et noe** deċiża fit-3 ta' April 2012 (Rikors Nru 1334/2010JZM), fejn isostni illi din il-Qorti kif diversament preseduta

kienet ikkonkludiet illi meta istanza titressaq a bażi tal-artikolu 402 tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' rikors ġuramentat, ma tistax tqis illi dak iġib in-nullita' tal-att.

Iżid jgħid illi l-importanti mhux x'taħseb is-soċjeta' intimata illi ressqet l-eċċezzjoni – imma dak li riedu jagħmlu r-rikorrenti. Jgħid illi mill-att innifsu wieħed ma jistax jikkonkludi illi dak huwa rikors ġuramentat – u l-ġurament li ttieħed minn Pierre Gaffiero ittieħed biex jissalda l-pożizzjoni tiegħu.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi l-provvediment tal-lum ma jittrattax il-mertu tal-vertenza, iżda biss l-ewwel eċċezzjoni dwar il-validita' o meno tal-mod kif ir-rikorrenti inizjalaw il-proċeduri odjerni. Dan għaliex is-soċjeta' intimata qed tissoleva l-fatt illi r-rikors huwa wieħed ġuramentat u mhux rikors sempliċi, fi ftit kliem, ir-rikorrenti mexxew b'din l-azzjoni kif trid il-liġi fil-KAP 12 aktar milli kif trid il-liġi fil-KAP 386.

Jibda biex jingħad illi huwa prinċipju assodat fil-ġurisprudenza li, in-nullità tal-att promotur ta' azzjoni, hija sanzjoni estrema li m'għandhiex tintlaqa' faċilment.

Il-Qorti issa tagħmel referenza għas-sentenzi ċitati mid-difensuri tal-partijiet u tislet is-segwenti prinċipji illi għandhom iservu sabiex ikun ben magħruf u stabbilit l-insenjament tal-Qorti odjerna fir-rigward ta' materji bħal dawk illum u hawnhekk sollevati, dibattuti u deċiżi.

Huwa veru illi ż-żewġ kawżi ċitati u msemmija kienu jittrattaw proċeduri mibdija ai termini tal-artikolu 402 tal-KAP 386, b'danakollu, fil-fehma tal-Qorti, dawn il-prinċipji huma ugwalment applikabbli għal proċeduri odjerni ntavolati ai termini tal-Artikolu 214 tal-istess KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta.

Qabel xejn, għandu jkun paċifiku jingħad illi l-Kap386 huwa liġi speċjali li tiġbor fiha mhux biss disposizzjonijiet sostantivi iżda anke oħrajn ta` proċedura. Għalhekk dak li jgħodd għall-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta mhux bilfors jgħodd ukoll għall-Kap 386.

Ukoll, illi l-Artikolu 402 imma ukoll l-Artikolu 214 tal-Kap 386 jaħsbu għal proċedimenti u rimedji li huma *ad hoc* u *sui generis*. Il-liġi kienet ċara li l-proċedimenti għandhom jimxu b`rikors – mhux b`rikors ġuramentat ai termini tal-Kap 12. Meta sar l-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji, l-att rilevanti fil-kuntest tal-Kap 12 kienet diġa` iċ-ċitazzjoni. B'danakollu, għall-fini tal-Art 402 u l-Art 214, il-leġislatur ma nsistiex li l-proċedura kellha tkun inizjata b`ċitazzjoni iżda b`rikors sempliċi. Meta saru l-emendi bl-Att XXII tal-2005 għall-Kap 12, ma saret l-ebda emenda għall-Kap 386 sabiex il-proċedimenti jibdew b`rikors ġuramentat minflok b`rikors sempliċi u l-liġi tħalliet intatta, biex wieħed allura jifhem illi l-

leġislatur, għall-finijiet tal-proċeduri hawnhekk imsemmija ai termini tal-KAP 386 la ried japplika ċ-ċitazzjoni u lanqas ir-rikors ġuramentat kif mifhum bil-KAP 12.

Għalhekk, dan għandu jfisser illi qatt ma kien il-ħsieb tal-leġislatur li l-proċediment ai termini tal-Art 402 u/jew tal-Art 214 jibdew b`ċitazzjoni jew b`rikors ġuramentat, izda anzi, ried li jsir b`rikors (li hekk qed jiġi msejjaħ – sempliċi).

Minn qari tal-Art 402 u tal-Art 214 tal-Kap 386, jirriżulta illi d-disposizzjonijiet de quo ma jgħidux illi meta istanza fondata fuq dak l-artikolu tiġi preżentata mhux b`rikors iżda b`att ġudizzjarju ieħor, inkluż allura rikors ġuramentat, dak *ex lege* igib in-nullita` tal-att.

Jibqa' obbligu tal-Qorti li tinsisti, anke għall-finijiet ta` ordni pubbliku, illi l-proċedura li tistabilixxi l-liġi tkun osservata skrupolozament, anke sabiex mhux biss tkun assikurata the *rule of law* iżda u fuq kollox iċ-ċertezza tad-dritt li għandha tgħodd għal kulħadd l-istess.

Illi l-Kap 386 hija *lex specialis* u *sui generis* fin-natura tagħha u ma hemm l-ebda disposizzjoni li tirrendi applikabbli għaliha d-disposizzjonijiet tal-Kap12 għall-Kap 386.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Illi a skapitu ta' konfużjoni żejda u peress illi tintuża l-kelma "rikors sempliċi" fil-kuntest ta' rikors illi bih jiġu inizjalati l-proċeduri odjerni, il-Qorti sejra hawnhekk tagħmel id-distinzjoni netta bejn "<u>rikors ġuramentat</u>" kif mifhum fit-termini tal-Artikolu 156 tal-KAP 12 tal-Liġijiet ta' Malta u r-rikors li permezz tiegħu jiġu inizjalati proċeduri bħal dawn odjerni, fejn mhux rikjest l-elementi li l-KAP 12 jitlob minn rikors ġuramentat validu.

B'hekk, għal din il-Qorti, jekk jirriżulta illi rikors promotur fi proċeduri bħal dawn odjerni, ai termini ta' l-Artikolu 214 tal-KAP 386, ma nbdewx b'rikors ġuramentat kif imfisser fil-KAP 12, allura r-rikors promotur għandu jitqies validu u l-Qorti ma tarax għaliex ikollha tagħmel xi ordnijiet partikolari.

Huwa għalhekk illi l-Qorti ser tħares lejn l-Artikolu 156(1) tal-KAP 12, u tqis illi jirriżulta minn din id-dispozizzjoni illi sabiex rikors ġuramentat jitressaq b'mod validu skond il-liġi, huwa meħtieg illi *jkun fih –*

*(a) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;*

*(b) ir-raġuni tat-talba;*

*(ċ) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u*

*(d) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:*

> *"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi. Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."*

Minn qari ta' dak li tgħid il-liġi, l-erba' paragrafi huma rekwiżiti u jekk ir-rikors ġuramentat, li bih jiġu inizjalati proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili, ikun monk minn almenu waħda mill-erba' rekwiżiti, allura dak ir-rikors jista' jiġi meqjus difettuż u addirittura null u bla effett.

Fil-każ in ezami, jirriżulta illi r-rikors promotur illi bih ġew inizjalati l-odjerni proċederi ta' stralċ, huwa monk mir-rekwiżit (d) u ma fihx it-twissija stampata b'mod ċar kif rikjest.

Il-Qorti tqis illi dan in-nuqqas irendi l-istess rikors promotur bħala wieħed MHUX ġuramentat kif irid l-Artikolu 156 tal-KAP 12, u konsegwentament, għalkemm meħud ġurament fuq ir-rikors ppreżentat, u għalkemm jikkontjeni lista' ta' xhieda, u għalkemm jikkontjeni ukoll elenku ta' dokumenti, b'danakollu, ġja la darba din il-Qorti ma tistax tqisu bħala "rikors ġuramentat", allura tista' biss tqisu "rikors sempliċi" fid-definizzjoni fuq mogħtija, anke jekk il-kontenut tiegħu huwa, kif ġja ingħad, ġuramentat.

**GĦALDAQSTANT**, il-Qorti, wara illi rat l-atti u semgħet it-trattazzjoni tal-abbli difensuri, u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha kif hawn fuq spjegat, qed tgħaddi biex tiddeċiedi dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata Kapedot Limited billi **<u>tiċħadha</u>** u konsegwentament tordna l-prosegwiment tal-kawża fil-mertu.

Spejjeż ta' din l-istanza li għandhom jkunu sopportati mis-soċjeta' intimata Kapedot Limited.

| | |
|---|---|
| **Ian Spiteri Bailey** | **Amanda Cassar** |
| **Onor. Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |